MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2008

Numru 1300/2007

**Il-Pulizija**
**Sp Daniel Zammit**
**vs**
**Carmel Hartley**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Carmel Hartley ta' 35 sena iben Paul u Mary nee' Cuschieri mwieled Pieta fl-10 ta' Lulju 1971 u residenti Marilyn No 4 Triq Gian Nikola Buhagiar, San Gwann, ID 346071M.**

**Akkuzat talli nhar id-19 ta' april 2007 ghall-habta ta' 3.45am gewwa Triq il-Wilga Paceville ghamel serq minn gewwa hanut 'Buon Cafe' ghad-dannu ta' Jason Degiorgio u s-sidien u diretturi ta' l-istess hanut, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jaqbez il-mitt lira Maltin (LM100) izda inqas minn elf lira Maltin (LM1000).**

**U aktar talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fil-hanut 'Buon Cafe' ghad-dannu ta' Jason Degiorgio u s-sidien u d-diretturi ta' l-istess hanut, liema hsarat kienet taqbez il-hamsin lira Maltija (LM50).**

**U aktar talli sar ricediv b'sentenzi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula kif wkoll talli wettaq reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-kunsens ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputat sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat, liema ammissjoni huwa koknferma wara li nghata hin xieraq biex jahsibha.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17H, 261(b)(c) u (f), 263, 267, 270 u 310(1B), 325(1B) tal-Kap 9, l-Artikolu 28A u 28B tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh b'dan pero li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 17H tal-Kap 9.**

**Dwar il-piena il-Qorti qed tikkunsidra dak li qalet il-prosekuzzjoni dwar l-imgieba ta' l-imputat. Dan mill-ewwel beda jaghti parti mill-flus li kien ha kif wkoll indika fejn kien is-safe. Barra dan ghen lill-pulizija mod iehor li kien ta' importanza hafna ghat-trazzin ta' reati ohra.**

**Ghal hekk il-Qorti dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet, flok qed tikkundanna lill-imputat, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien tliet snin millum. Qeghda wkoll tordna li jhallas il-parti li fadallu jhallas li tammonta ghal LM190 fi zmien sitt xhur millum u dan ai terminu ta' l-Artikolu 24 tal-Kap**

**446 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti spjegat lill-imputat wkoll l-Artikolu 22 tal-Kap 446.**

**Dwar it-tielet imputazzjoni, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 28(D) tal-Kap 9 kif wkoll wara li qieset dawk ir-ragunijiet moghtija iktar 'l fuq, qed testendi iz-zmien tas-sospenzjoni tas-sentenza moghtija fid-9 ta' Frar 2006 bi tliet snin u dan jigifieri li s-sospenzjoni tibqa' fis-sehh sad-9 ta' Frar 2013.**

**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------